A.L. 104 ta' l-1993

ATT DWAR L-ENEMALTA
(KAP. 272)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Enemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5A ta' l-Att dwar l-Enemalta, il-Ministru għall-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Enemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem) u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1987 dwar l-Enemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 63 ta' l-1987.

2. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali flok il-kelma "xahar" għandhom jidħlu l-kliem "mill-anqas xahar iżda mhux aktar minn tlett xhur". Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali flok il-kliem "jiġi elett" għandhom jidħlu l-kliem "jieħu postu fuq il-Bord skond ir-regolament 10". Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.